# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Spiridione Żammit)**

**vs**

**Vincent Debono**

Il-Qorti, wara li rat l-imputatazzjonijiet fil-konfront ta` **Vincent Debono** detentur tal-karta tal-identita bin-numri 50470M li permezz tagħhom huwa ġie akkużat talli nhar it-22 t'Ottubru 2015 u fix-xhur ta' qabel :

1. Permezz ta' network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika għamel użu mhux xieraq bih bi ksur tal-Artikolu 49(c) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. uża kliem jew imġieba ta' theddid, abbużivi jew insolenti, jew esibixxa xi materjal miktub jew stampat li jkun ta' theddid, abbużiv jew insolenti, jew xort'oħra ġab ruħu b'dak il- mod, bil-ħsieb li b'hekk iqajjem vjolenza jew mibegħda razzjali kontra xi persuna oħra jew grupp ta' persuni fuq bażi ta' ġeneru, identità tal-ġeneru, orjentazzjoni sesswali, razza, kulur, lingwa, oriġini etnika, reliġjon jew twemmin jew opinjoni politika jew opinjoni oħra jew b'hekk ħoloq il-probabbiltà li, meta wieħed iqis iċ-

ċirkostanzi kollha, titqajjem vjolenza jew mibegħda razzjali ai termini tal-Artikolu 82A(1) tal-Kodiċi Kriminali.

Rat li l-Uffiċjal Prosekutur ikkonferma l-imputazzjoni kontra l-imputat.

Rat l-atti u d-dokumenti eżibiti, inkluż l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat meta mitkellem mill-Pulizija kif ukoll kopja ta' dokument li juri l-kummenti inkriminati nonche sensiela ta' e-mails skambjati bejn id-Diriġenti tal-Faċilita Korrettiva ta' Kordin relattiva għall-azzjoni li riedu li tittieħed, kopja ta' screenshot meħud mis-sit "Running Commentary" amministrat minn Daphne Caruana Galizia, l-employment history aġġornata tal-imputat minn fejn jirriżulta li fid-data in kwistjoni l-imputat kien jaħdem bħala Correctional Officer fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin.

Rat li matul is-seduta tat-23 ta' Frar 2016 Dr. Veronique Dalli għall-imputat iddikjarat li l-imputat ma kienx qiegħed jikkontesta l-fatti ta' dan il-każ, fis-sens li kien minnu li l-imputat kien għamel il-kummenti inkriminati fuq sit esteru. Iżda l-istess abbli Avukat tenniet li kienet qegħda tikkontesta l-interpretazzjoni legali mogħtija lit-tieni imputazzjoni u li minħabba fiha l-imputat ġie mixli bir-reati de quo quddiem din il-Qorti.

Għaldaqstant l-imputat irreġistra ammissjoni fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni filwaqt li kkontesta l-interpretazzjoni legali fir-rigward tat-tieni imputazzjoni.

Wara li spjegat bl-aktar mod solenni l-konsegwenzi kollha li jitnisslu minn dikjarazzjoni ta' ammissjoni ta' ħtija, u ċioe li din il-Qorti kienet tista' ssib lill-imputat ħati u li tinfliġġi fuqu wkoll il-piena skont il-Liġi, il-Qorti tatu żmien biżżejjed sabiex jekk irid jirtira l-ammissjoni tiegħu fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni u dan anke wara li jkun ikkonsulta mal-Avukat tiegħu.

Wara li reġgħet staqsiet lill-imputat x'għandu xi jgħid dwar l-ammissjoni reġistrata minnu fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, l-imputat reġa' tenna li huwa ħati skont kif kien qal ftit qabel u l-Qorti ħadet nota bil-miktub ta' din id-deċiżjoni tal-imputat fl-atti tal-kawża. Għalhekk din id-darba il-Qorti kienet qegħda tqis l-ammissjoni tiegħu fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni bħala definittiva u finali.

Semgħet il-provi prodotti fir-rigward tat-tieni imputazzjoni u tal-interpretazzjoni legali li għandha tingħata fir-rigward tat-tieni imputazzjoni.

***Ikkunsidrat : -***

**<u>L-ewwel imputazzjoni</u>**

Illi l-ewwel imputazzjoni ġiet ammessa inkondizzjonatament mill-imputat. Pero l-Qorti tqis li f'dan il-każ, u fid-dawl ta' dak li sejjer jiġi deċiż aktar il-quddiem huwa importanti li tippuntwalizza s-segwenti : -

Dan il-każ tnissel meta l-imputat, Vincent Debono, għamel post bi tweġiba fuq is-sit Facebook għal artiklu ppostjat hemm minn ċerta Laura Kalderauska intitolat : "3rd refugee shelter torched in Sweden in six days" li jaqra s-segwenti :

> A string of suspected arson attacks have hit three facilities intended to house asylum seekers in Sweden this week alone. The country is preparing to receive almost double the amount of refugees this year than the previous record, set in

Għal dan il-post u l-immaġini miġjuba fuqu ta' ambjenti li jidhru qegħdin jaqbdu fis-siegħat ta' bil-lejl, Vincent Debono kiteb il-post li taqra hekk "i hope its burning with them inside".

Dan il-kumment ta' Vincent Debono kien ġie miġjub għall-attenzjoni ta' Raymond G. Zammit (responsabbli mit-tmexxija tal-Faċilita Korrettiva ta' Kordin) iżda mibgħuta fuq l-indirizz tal-posta elettronika ġenerali tal-Faċilita Korrettiva ta' Kordin (ADMIN CCF) minn Ciaran O Maolain li kien qiegħed jikteb għan-nom ta' HRTEC Ireland, fejn f'email datata 21 t'Ottubru 2015 fin-00:25 staqsa jekk Zammit personali jew is-Servizz Korrettiv jew il-Ministru kienux lesti jittolleraw impjegat tal-Faċilita'

Korrettiva ta' Kordin Vincent Debono juża l-media soċjali biex juri li kien japprova l-ħruq ħajjin ta' Misilmin. Staqsa wkoll jekk impjegat tal-Faċilita Korrettiva ta' Kordin kienx sejjer jiġi mkeċċi jekk Zammit jirċievi kopja tal-Facebook post ta' Debono. Dan kien qiegħed jirreferi għal post li saret xi jiem qabel minn Debono.

Minn hemm jirriżultaw sensiela ta' e-mails li juru l-azzjoni immedjata li ttieħdet l-għada fil-għodu mal-bidu tal-ġurnata tal-ħidma ta' Aldo Francalanza, Simon Buttigieg u Raymond Zammit. Frott ta' din l-azzjoni, l-imputat spiċċa li ġie investigat mhux biss mill-ogħla awtoritajiet tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin iżda wkoll mill-Pulizija. Fil-fatt nhar il-25 t'Ottubru 2015 l-imputat ġie mitkellem mill-Ispettur Spiridione Zammit u anke rrilaxxa stqarrija li pero huwa għażel li ma jweġibx (kif kellu dritt jagħmel) għall-maġġorparti tal-mistoqsijiet li sarulu. Sussegwentement il-Pulizija bdiet din il-kawża kontra l-imputat, fejn inter alia, ġie mixli bir-reati imsemmija aktar il-fuq.

Speċifikament għar-rigward tal-ewwel imputazzjoni, kif mistqarr mill-Prim Imħallef Silvio Camilleri fis-sentenza ***Il-Pulizija vs Alfred Grech*** deċiża nhar id-19 ta' Lulju 2013 : -

> 9. L-għemil kkontemplat fil-paragrafi (a) u (b) jikkonsisti fl-użu minn xi persuna ta' network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika sabiex jikkomunika lil ħaddieħor theddida ta' għemil għall-għanijiet previsti f'dawk il-paragrafi. In vista ta' l-għanijiet hemm previsti ma hemmx dubbju li l-liġi fl-istess paragrafi qed tikkontempla għemil li bl-użu ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika huwa mmirat sabiex jagħmel ħsara, jdejjaq, jivvessa jew joffendi lil ħaddieħor. Meta fil-

paragrafu (ċ) jingħad li "jagħmel użu ieħor mhux xieraq" (sottolinear tal-qorti) isegwi li dik id-dispożizzjoni titratta minn għemil li ma jikkonsistix neċessarjament f'theddid iżda li, bl-applikazzjoni tar-regola eiusdem generis, huwa għemil ieħor li jittrasmetti lil ħaddieħor messaġġ li jagħmel ħsara, jdejjaq, jivvessa jew joffendi lil ħaddieħor u għaldaqstant ma hux għemil xieraq. Anki jekk, għalhekk, il-messaġġi in kwistjoni ma jitqiesux theddid iżda jitqiesu bħala messaġġi vulgari dan hu biżżejjed sabiex jinkwadraw f'dak projbit bil-paragrafu (ċ) msemmi in kwantu huma messaġġi li tal-anqas idejjqu, jivvessaw jew joffendu lil min jirċevihom u effettivament dejjqu, ivvessaw u offendew lil min irċevihom. Din hi l-konsegwenza tal-applikazzjoni korretta tar-regola eiusdem generis għall-interpretazzjoni tal-portata tal-paragrafu (ċ) msemmi.

Fil-kaz ta' Debono, din il-Qorti jidhirlha li huwa għamel użu minn apparat elettroniku u ta' komunikazzjoni elettronika mhux sempliċiment għaliex huwa esprima l-opinjoni tiegħu fuq dak ippostjat preċedentement minn persuna oħra iżda għaliex is-sustanza ta' dik l-espressjoni tal-opinjoni kienet, fl-aħħar mill-aħħar, li ssir jew tirriżulta ħsara, dwejjaq jew vessazzjoni jew offiża lil ħaddieħor. Il-messaġġ tiegħu huwa ċar. Huwa esprima it-tama tiegħu li dawk ir-refuġjati, persuni b'talba għall-ażil jew aspiranti tali li kienu jinsabu fil-faċilita li kienet qegħda tospitahom u li allegatament ingħatat in-nar, jinħarqu fiha b'kollox flimkien mal-istess faċilita. Din hija espressjoni t'opinjoni li kjarament il-ħsieb aħħari fiha kienet li ssir jew tirriżulta ħsara, dwejjaq, vessazzjoni jew offiża lil ħaddieħor jew almenu forma ta' apoloġija għal dak l-allegat att meskin u kriminali imsemmi fl-artiklu de quo. Aktar gravi minn hekk huwa l-fatt li din l-espressjoni ġiet użata minn persuna li mill-provi ħareġ li hija impjegata fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin u li

fil-qadi ta' xogħolha, tiġi f'kuntatt dirett kemm ma persuni Maltin kif ukoll ma persuni barranin.

Kif intqal mill-Qorti tal-Appell Kriminali presjeduta mill-Prim Imħallef Emeritu Vincent de Gaetano nhar il-11 ta' Lulju 2003 fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Stephen Caruana et*** : -

> 1. Ma hemmx dubbju li l-liberta` ta' l-istampa kif ukoll il-liberta` ta' l-espressjoni huma fondamentali f'socjeta` demokratika, u ghalhekk ir-restrizzjonijiet ghal tali libertajiet ghandhom ikunu limitati ghal dak li huwa strettament necessarju biex jigu protetti valuri u drittijiet ohra, xi whud minnhom importanti daqs l-istess dritt ghall-liberta` ta' espressjoni u ta' l-istampa. Fost dawn id-drittijiet l-ohra hemm id-dritt li persuna tipprotegi r-reputazzjoni taghha, kif ukoll id-dritt li persuna (jew grupp ta' persuni) ma tigix insultata jew esposta ghal disprezz minhabba, fost affarijiet ohra, ir-razza, twemmin jew origini nazzjonali jew etnika taghha[2].

Il-Qorti tqis li l-kummenti li għamel l-imputat kienu jmorru lil hinn mid-dritt t'espressjoni ħielsa, dritt sagrosant protett kostituzzjonalment u għar-raġunijiet premessi tqis li r-reat imsemmi fl-ewwel imputazzjoni ġie integrat.

Mill-banda l-oħra il-Qorti rat li l-imputat ammetta l-ewwel imputazzjoni li ġġorr il-piena ta' multa ta' mhux iżjed minn tlieta u għoxrin elf, mitejn u tlieta u disgħin euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€23,293.73) u, fil-każ ta' reat permanenti, multa oħra ta' mhux iżjed minn erba' mija u ħamsa u sittin euro and u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€465.87) għal kull jum li

matulu jkompli r-reat. Il-Qorti sejra tieħu konsiderazzjoni tal-fatt li l-imputat ammetta ħtijietu mal-ewwel okkażjoni disponibbli quddiem din il-Qorti u dan sejjer jirrifletti ruħu fil-fatt li l-piena mhix ser tkun imposta lejn il-massimu tagħha.

Mill-banda l-oħra, il-Qorti ma tistax ma tqisx li dan ir-reat ġie kommess minn persuna li hija mhux biss fis-servizz pubbliku, iżda hija wkoll persuna li minħabba f'xogħolha tiġi f'kuntatt dirett u kontinwu ma persuni li huma kemm Maltin kif ukoll barranin u li wieħed mid-doveri tagħha huwa li tara li dawn il-persuni li jkunu detenuti fil-Faċilita Korrettiva ta' Kordin jiġu mgħejjuna jirrijabilitaw ruħhom. Għalhekk il-Qorti f'dan il-każ ma tistax timponi l-piena tal-multa qrib tal-minimu tagħha.

**<u>It-tieni imputazzjoni</u>**

Jifdal issa pero biex jiġi analizzat jekk dak mistqarr mill-imputat jikkostitwix ir-reat ta' tixwix għal mibgħeda razzjali skont il-Liġi f'Malta, kif projbit mill-Artikolu 82A tal-Kodiċi Kriminali li jgħid : -

> **82A.** (1) Kull min juża kliem jew imġieba ta' theddid, abbużivi jew insolenti, jew jesibixxi xi pmaterjal miktub jew stampat li jkun ta' theddid, abbużiv jew insolenti, jew xort'oħra jġib ruħu b'dak il- mod, bil-ħsieb li b'hekk iqajjem vjolenza jew mibegħda razzjali kontra xi persuna oħra jew grupp ta' persuni fuq bażi ta' ġeneru, identità tal-ġeneru, orjentazzjoni sesswali, razza, kulur, lingwa, oriġini etnika, reliġjon jew twemmin jew opinjoni politika jew opinjoni oħra jew b'hekk joħloq il-probabbiltà li, meta wieħed iqis iċ-ċirkostanzi kollha, titqajjem vjolenza jew mibegħda

razzjali, jeħel, meta jinsab ħati, l-piena ta' priġunerija minn sitt xhur sa tmintax-il xahar.

(2) Għall-finijiet tas-subartikolu qabel dan "vjolenza jew mibegħda" tfisser vjolenza jew mibegħda razzjali kontra persuna jew grupp ta' persuni f'Malta definiti b'referenza għall-ġeneru, identità tal- ġeneru, orjentazzjoni sesswali, razza, kulur, lingwa, oriġini nazzjonali jew etnika, ċittadinanza, reliġjon jew twemmin jew opinjoni politika jew opinjoni oħra.

L-argument tal-Prosekuzzjoni f'dan il-każ huwa li l-imputat għandu jiġi misjub ħati in kwantu bil-post tiegħu fuq Facebook huwa xerred tixwix għal mibgħeda razzjali fil-konfront ta' dawk in-nies li kienu "refugees" jew "asylum seekers".

Id-Difiża mill-banda l-oħra ttenni li għalkemm l-imputat ammetta li fuq Facebook kiteb l-espressjoni famiġerata "i hope its burning with them inside" huwa pero kien qiegħed jirreferi għal sitwazzjoni ta' nies li ma kienux jinstabu f'Malta. Peress li l-Artikolu 82A tal-Kodiċi Kriminali fit-tifsira ta' "vjolenza jew mibgħeda" razzjali jirrikjedi li n-nies li għalihom issir riferenza jridu jkunu persuni jew grupp ta' persuni f'Malta u l-imputat ma rriferiex għal persuni jew grupp ta' persuni f'Malta, huwa ma jistax jiġi misjub ħati ta' dan ir-reat.

Issa din il-Qorti tqis li l-espressjoni użata mill-imputat "i hope its burning with them inside" fil-kuntest aktar il-fuq riportat, tammonta għal materjal miktub li huwa abbużiv u li permezz tiegħu esprima li ttama li sseħħ vjolenza jew li almenu esprima kliem li juri mibegħda

kontra xi persuna oħra jew grupp ta' persuni minħabba l-ġeneru, identità tal-ġeneru, orjentazzjoni sesswali, razza, kulur, lingwa, oriġini etnika, reliġjon jew twemmin jew opinjoni politika jew opinjoni oħra jew b'hekk joħloq il-probabbiltà li, meta wieħed iqis iċ-ċirkostanzi kollha, titqajjem vjolenza jew mibegħda razzjali.

Verament li fil-post magħmul mill-imputat huwa kien qiegħed jirreferi għal kategorija ta' nies li kienu msemmija bħala "refugees" jew "asylum seekers" u f'dan l-Artikolu tal-Liġi 82A tal-Kodiċi Kriminali, refuġjati jew persuni li jkunu qegħdin ifitxu ażil ma humiex **espressament** inklużi fost il-lista ta' kategoriji ta' persuni li kontra tagħhom jista' jiġi mwettaq dan ir-reat.

Din il-Qorti pero tqis li fil-kuntest partikolari li sar il-post, nonche iż-żmien li sar fih, qajla hemm bżonn ta' sforz intellettwali kbir jew immaġinazzjoni fertili sabiex qarrej ordinarju jorbot dawn ir-refuġjati jew persuni li jkunu qed ifitxu l-asil mal-persuni li kienu daħlu (u għadhom jippruvaw jidħlu) fl-Ewropa mill-Lvant Nofsani, partikolarment mis-Sirja u mill-Iraq u minn postijiet oħra madwar id-dinja.[1]

[1] Xorta jibqa' l-fatt li fil-fehma tal-Qorti il-Liġi għandha tkun aktar ċara fir-rigward ta' din il-kategorija ta' persuni li jkunu refuġjati jew li qegħdin ifitxu l-ażil in kwantu din il-kategorija ta' nies mhix waħda omoġeneja u peress li tista' (u fil-fatt) tinkludi fiha persuni minn kull ġeneru, identità tal-ġeneru, orjentazzjoni sesswali, razza, kulur, lingwa, oriġini etnika, reliġjon jew twemmin jew opinjoni politika jew opinjoni oħra, mill-banda l-oħra, il-Liġi għandha tkun aktar komprensiva billi tinkludi wkoll fiha din il-kategorija.

Issa kif diġa raportat aktar il-fuq fil-kawża ismijiet ***Il-Pulizija vs Stephen Caruana et,*** il-Qorti tal-Appell Kriminali[2] kienet tenniet li : -

> Ir-razzizmu huwa, sfortunatement, fenomenu li qed jerga' jerfa rasu f'diversi pajjizi – fatt dan li din il-Qorti tista' tiehu konjizzjoni gudizzjarja tieghu – u huwa proprju ghalhekk li hafna pajjizi (inkluza Malta[3]) u l-komunita` internazzjonali jghaddu lijigiet u jiehdu mizuri biex jppruvaw jarginaw jew jaghmlu tajjeb ghall-hsara li tali razzizmu necessarjament igib fit-tessut socjali.

Issa fil-fehma ta' din il-Qorti il-fenomenu tar-razziżmu mhux fenomenu li huwa marbut biss ma territorju u huwa fenomenu li jmur lil hinn mill-ibħra territorjali Maltin. Biss din il-Qorti hija marbuta bil-Liġi kif inhi u l-Qorti trid tinterpreta l-Liġi skont l-intenzjoni tal-Leġislatur meta ġiet promulgata mill-Parlament u kif del resto għadha hekk sal-lum fir-rigward ta' dik il-parti tat-tifsira ta' dan l-Artikolu 82A tal-Kodiċi Kriminali fir-rigward wieħed mill-aspetti fundamentali tagħha u ċjoe t-tifsira ta' x'inhi "vjolenza jew mibgħeda" bi sfond razzjali. Din il-Qorti ma tistax tibdel il-Liġi hi. Il-Liġi tinbidel mill-Leġislatur. U l-Qorti trid tagħti tifsira li tkun taqbel ma' dak li għamar il-Leġislatur – aktar u aktar meta l-intenzjoni tal-Leġislatur toħroġ ċara mit-test tal-Liġi innifisha u minn dak li l-Leġislatur stqarr meta kien qiegħed jiddelibera u jiddibatti li jdaħħal Liġi fil-pajjiż.

---

[2] li kienet iddeċidiet dak il-każ f'Lulju tal-2003, u ċjoe sena u tliet xhur wara d-dħul fis-seħħ tal-Att III tal-2002, li bih kienet daħal fis-seħħ l-Artikolu 82A tal-Kodiċi Kriminali

U hekk jidher li ġara f'dan il-każ. Kif intqal aktar il-fuq it-tifsira ta' "vjolenza jew mibgħeda" razzjali f'dan l-artikolu 82A tal-Kodiċi Kriminali hija vjolenza jew mibegħda razzjali **kontra persuna jew grupp ta' persuni f'Malta** definiti b'referenza għall-ġeneru, identità tal-ġeneru, orjentazzjoni sesswali, razza, kulur, lingwa, oriġini nazzjonali jew etnika, ċittadinanza, reliġjon jew twemmin jew opinjoni politika jew opinjoni oħra.

Id-Difiża ttenni li minn qari ta' din id-definizzjoni, l-espressjoni "f'Malta" qegħda miktuba u wżata immedjatament wara l-espressjoni "kontra persuna jew grupp ta' persuni f'Malta". Għalhekk kif miktuba din il-Liġi jidher li l-istess Liġi tikkwalifika l-post ossija "f'Malta" mhux b'riferenza għal fejn l-espressjoni ta' vjolenza jew mibgħeda razzjali tkun oriġinat jew ġiet mistqarra, iżda tikkwalifika l-post fejn il-persuna jew grupp ta' persuni li jkunu suġġetti għal dik il-vjolenza jew mibgħeda jkunu jinstabu – u ċjoe jridu jkunu jinstabu f'Malta - sabiex dan ir-reat ikun jista' jiġi integrat.

Sabiex tara jekk din l-interpretazzjoni tad-Difiża hix korretta jew le, din il-Qorti għamlet riċerka dettaljata dwar ix-xogħol u dibattiti parlamentari li kienu saru qabel id-dħla fis-seħħ ta' din il-Liġi fl-2002 meta l-istess Liġi kienet għadha fi stadju t'abbozz bħala l-klawżola 18 tal-abbozz ta' liġi li kien iġib in-numru 28. Fil-fatt jirriżulta li fil-Minuti

tal-Laqgħa numru 97 li saret fl-1 ta' Ottubru, 2001[3] speċifikament dwar dak li wara sar l-Artikolu 82A tal-Kodiċi Kriminali, waqt diskussjoni li fiha ħadu sehem diversi membri tal-Kamra ta' dak iż-żmien, fosthom l-Onorevoli Tonio Borg, dak iż-żmien Ministru tal-Intern, l-Onorevoli Jason Azzopardi, kif ukoll dak li kien id-Deputat Avukat Ġenerali, illum il-Prim Imħallef Silvio Camilleri, kien intqal is-segwenti :

> **ONOR. TONIO BORG:** Sur President, aħna l-membri taż-żewġ naħat tal-Kamra ilna nitkellmu pubblikament fuq klawsola 18. Għall-ewwel darba se jiġi introdott ir-reat ta' *racial hatred*. Huwa veru li fil-*margin* ta' l-artiklu hemm "tixwix għal mibegħda razzjali" però jekk wieħed jara s-sustanza ta' l-artiklu jsib li mhux biss hemm it-tixwix imma wkoll hemm li:
>
> "Kull min juża kliem jew imġieba ta' theddid, abbużivi jew insolenti, jew jesibixxi xi materjal miktub jew stampat li jkun ta' theddid, abbużiv jew insolenti jew xort'oħra jġib ruħu b'dak il-mod, bil-ħsieb li b'hekk iqajjem mibegħda razzjali jew b'hekk joħloq probabbilita` li meta wieħed iqis iċ-ċirkostanzi kollha, titqajjem mibgħeda razzjali, jeħel, meta jinstab ħati, l-piena ta' priġunerija minn sitt xhur sa tmintax-il xahar.
>
> Għall-finijiet tas-subartiklu qabel dan, "mibegħda razzjali" tfisser mibegħda kontra grupp ta' persuni f'Malta definiti b'riferenza għall-kulur, razza, nazzjonalita` (inkluża ċ-ċittadinanza) jew oriġini etnika jew nazzjonali.".
>
> **ONOR. JASON AZZOPARDI:** L-aġġettiv "abbużivi" qed jirriferi għall-kliem u għalhekk qiegħed fil-plural?
>
> **ONOR. TONIO BORG:** L-aġġettiv "abbużivi" qed jikkwalifika n-nomi "kliem" jew "imġieba".

[3] dwar l-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali magħmul skond ir-riżoluzzjoni tal-Kamra fis-Seduta Nru. 572 tat-6 ta' Lulju, 2001 il-Kumitat iltaqa' biex jikkonsidra dan l-Abbozz ta' Liġi u li kienet tkompli mil-Laqgħa Nru. 96 tas-26 ta' Settembru, 2001.

**DR SILVIO CAMILLERI**: Sfortunatament l-uniku mod li stajna nintroduċu "*threatening*" hija bil-kliem "ta' theddid" u dik il-kelma forsi qiegħda tagħti impressjoni żbaljata.

**ONOR. TONIO BORG:** Pero` l-kliem "jew l-imġieba" jistgħu jkunu ta' tliet tipi; jew għax ikunu jammontaw għal theddid jew għax ikun *abusive language* jew *behaviour* jew inkella għax ikunu *insolent words* or *behaviour,* jiġifieri tgħajjar lil dak li jkun bir-razza. **Per eżempju, jista' jkun li f'Malta jiġi tim tal-futbol min-Niġerja u jkun hawn min jibda jgħajjarhom. Fl-abbozz ta' liġi hawn li mibegħda razzjali tfisser "mibegħda kontra grupp ta' persuni f'Malta" jiġifieri sakemm qegħdin f'Malta u dawn jistgħu jkunu Maltin jew barranin. Dan ifisser li jekk jien nagħmel *meeting* pubbliku u ngħid li l-Indjani ta' l-Amażonja huma inferjuri u jmissna nagħmlulhom xi ħaġa, dak fih innifsu m'huwiex reat pero` jekk nirriferi għall-Għarab jew inkella għal *team* tal-football li jkun qiegħed f'Malta, dak jammonta għal reat. Dan qed ngħidu biex inkunu ċari għax probabbilment dan id-dibattitu se jiġi kkwotat kemm mill-ġudikanti kif ukoll mill-avukati tad-difiża u tal-prosekuzzjoni u allura huwa tajjeb li jsir b'ċertu dettall.**

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA:** Hawnhekk qed nara li dan ir-reat huwa kwalifikat. (Interruzzjonijiet) Issa ovvjament wieħed irid ikollu l-intenzjoni li jagħmel dan ir-reat lil xi ħadd u mhux sempliċement jaqbad u jagħmel kumment. (Interruzzjonijiet)

**ONOR. TONIO BORG:** Ġaladarba din hija *crime* u mhux *contravention* għandha bżonn il-*mens rea.* (Interruzzjonijiet) Kif tista' tagħmel kumment involontarju fuq razziżmu? (Interruzzjonijiet)

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA:** Il-*mens rea* dejjem trid tkun preżenti, hux hekk? (Interruzzjonijiet)

**DR SILVIO CAMILLERI:** Mhux intenzjoni speċifika. (Interruzzjonijiet) Għandek waħda bl-intenzjoni u l-parti l-oħra hija l-intenzjoni ġenerika li konsapevolment jingħad dak id-diskors. Pero` mbagħad dak id-diskors *is likely to cause* ... (Interruzzjonijiet)

**ONOR. TONIO BORG:** Ħalli niftiehmu. Ejja nieħdu eżempju ta' *bouncer* - għax dawn il-każijiet jinqalgħu – li bi skuża jew oħra ma jħallix lil xi ħadd jidħol f'post pubbliku minħabba r-razza. **Apparti li jista' jeħel talli f'post pubbliku liċenzjat, mingħajr il-permess tal-kummissarju tal-pulizija, ikun qed jillimita d-dħul, jista' jeħel ukoll talli b'mod**

**<u>abbużiv ikun qed jiddistingwi abbażi ta' razez jew nazzjonalitajiet li jeżistu f'Malta.</u>**[4]

Fil-fehma tal-Qorti l-aktar silta importanti sabiex wieħed jara x'kienet l-intenzjoni tal-Leġislatur,[5] hija meta l-Ministru qal li :-

> Dan ifisser li jekk jien nagħmel *meeting* pubbliku u ngħid li l-Indjani ta' l-Amażonja huma inferjuri u jmissna nagħmlulhom xi ħaġa, dak fih innifsu m'huwiex reat pero` jekk nirriferi għall-Għarab jew inkella għal *team* tal-football li jkun qiegħed f'Malta, dak jammonta għal reat.

Huwa ċar li l-intenzjoni tal-Leġislatur kienet, u stante li t-tifsira ta' "vjolenza jew mibgħeda" tinkludi r-referenza lejn "persuna jew grupp ta' persuni **<u>f'Malta</u>**" u b'hekk dan ir-reat jista' jiġi meqjus integrat biss jekk issir riferenza għal vjolenza jew mibgħeda kontra persuna jew grupp ta' persuni li jkunu jinsabu f'Malta.

Issa f'dan il-każ il-kumment tal-imputat, li kien mistqarr fuq Facebook kien dirett lejn persuni li kienu refuġjati jew qegħdin ifitxu l-ażil fl-Iżvezja u ma sarx b'riferenza għal refuġjati jew persuni li kienu qegħdin ifitxu l-ażil f'Malta. Il-Qorti tqis li l-argument tad-Difiża li jistrieħ fuq il-kliem tal-Liġi kif kienet, u li minkejja d-diversi emendi li kienu saru matul is-snin lil dan l-Artikolu iżda kif għadha sal-lum u li tagħmel dik ir-riferenza lejn "persuna jew grupp ta' persuni f'Malta" u kif imsaħħa

---

[4] L-enfażi fis-siltiet meħuda mid-diskors tal-Ministru Tonio Borg hija miżjuda.

[5] li għadda dan l-Artikolu b'emenda żgħira għall-nota tal-marġini biss

bl-ispjegazzjoni ċarissima da parti tal-Ministru tal-intern ta' dak iż-żmien, għandu jiġi milqugħ.

Mistqarr dan pero din il-Qorti tqis li fir-realta tal-lum il-ġurnata, anke fid-dawl tal-iżviluppi internazzjonali u obbligi konvenzjonali li seħħew fil-frattemp f'dan il-kamp, nonche l-fatt li d-dinja saret aktar globalizzata u l-mezzi ta' komunikazzjoni għamlu qabża mingħajr precedent fil-kwalita meta mqabbla mas-sitwazzjoni u r-realta li kienet teżisti f'April tal-2002 meta ġie promulgat l-Att III tal-2002, il-Leġislatur Malti għandu jikkonsidra serjament li minbarra li jara li l-kategorija ta' "refuġjati" u persuni li jkunu qed jitolbu l-ażil ikunu kjarament jidħlu fil-parametri tal-Artikolu 82A tal-Kodiċi Kriminali, jikkonsidra wkoll li t-tifsira ta' "vjolenza jew mibgħeda" tkun imwessa' billi tinkludi wkoll espressjonijiet vjolenti jew ta' mibgħeda razzjali anke fir-rigward ta' persuna jew grupp ta' persuni li ma jkunux f'Malta, ukoll jekk dik l-espressjoni ta' vjolenza jew mibgħeda almenu tkun ġenerata minn Malta jew mistqarra f'Malta.

# ***<u>Decide</u>***

Li wara li rat l-Artikoli 49(c) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 82A tal-Kodiċi Kriminali filwaqt li ssib lill-imputat mhux ħati tat-tieni imputazzjoni u tilliberah minn kull ħtija u piena dwarha, filkontemp fuq l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu stess, qegħda ssib

lill-imputat ħati tal-ewwel imputazzjoni u tikkundannah għall-ħlas ta' multa fl-ammont ta' ħamest elef euro (€5,000).

***Mogħtija fil-Qrati tal-Ġustizzja, il-Belt Valletta, illum, 10 ta' Mejju 2016***

***Aaron M. Bugeja***